MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 1174/2011/1

**Rik Gur : 1174/11 JPG**

**Gasanmamo Insurance Limited (C3143)**

**-VS-**

**Alexander Jan Edward Van Reeven u**

**Jeanette Marie Van Reeven**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors tal-intimati tal-14 ta'Novembru 2014, illi jaqra hekk:

*"Illi l-esponenti kienu intavolaw rikors sabiex din il-Qorti tikkonverti ruhha fis-sede Kostituzzjonali taghha u talbu s-segwenti:*

*i) Tiddikjara illi l-proceduri ta' arbitragg mandatarju fl-ismijiet premessi mmexxija taht l-Avviz Legali 279 ta' l-2005 u l-artiklu 15(11) tal-Kap 387 (Att dwar l-Arbitragg) tal-Ligijiet ta' Malta imur kontra l-provvedimenti ta' l-artiklu 39(2) tal-*

*Kostituzjoni ta' Malta u l-artiklu 6(1) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta'Malta u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u apportuni.*

ii) *Tiddikjara illi jekk din il-Qorti taghti effett ghall-ligi li giet iddikjarata leziva tal-Kostituzzjoni nostrana dan il-fatt wahdu ikun leziv tad-dritt fundamentali tas-smiegh xieraq hekk kif sancit l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta ' Malta u l-artiklu 6(1) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta ' Malta.*

iii) *Tiddikjara illi l-fatt li l-Qorti Kostituzzjonali nostrana biddlet ir- ragunament kompletament taghha wara li kienet tat interpretazzjoni li l-arbitragg mandatarju jmur kontra d-dettami tas-smiegh xieraq stante nuqqas ta' indipendenza u imparzialita, izda sussegwentement l-istess Qorti kienet totalment biddlet dan l-insjenament, jilledi d-dritt fundamentali tal-esponenti ghal-principju tac-certezza legali hekk kif sancit fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

iv) *Jinghataw dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id- direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad- drittijiet fundamentali tal-esponent.*

*Illi din it-talba kien saret quddiem din il-Qorti diversament preseduta u u fil-fatt din il-Qorti kkonvertiet ruhha u appuntat din il-materja kostituzzjonali ghas-16 ta' Dicembru 2013.*

*Illi sussegwentement, fis-16 ta' Dicembru 2014, dik il-kawza giet differita ghas-27 ta' Jannar 2014. Sadanitant gara pero li minhabba certu cirkostanzi,l-kawza giet assenjat minn ghand 1-Imhallef Farrguia Sacco ghal quddiem L-Imhallef Joseph Zammit McKeon.*

*Illi fit- 18 ta' Marzu 2014 u cioe t-tieni quddiem dak l-Imhallef dik il-Qorti tat digriet fejn astjeniet milli tieghu konjizzjoni ta' dik il-kawza. B'hekk dik 1-istess giet assenjata issa lil Imhallef Mark Chectcuti u appuntat ghat-30 ta' April 2014.*

*Illi l-esponent jissottometuu umilment u b'certa enfasi li meta giet riappuntata quddiem l-Imhallef Mark Chetcuti, l-Avukat Generali biss kien notifikat. Ghalhekk f'dik is-seduta dehret biss Dr. Sarah Portelli ghal-Avukat Generali. Il-kawza giet differita ghat-28 ta' Mejju 2014.*

*Illi f'din l-ahhar seduta mbaghad, deheret biss Dr. Sarah Portelli, ovvjament ghaliex hadd mill-partijiet ma kien notifikat u l-istess avukat talbet il-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju u l-Qorti laqghet it-talba. Jidher li qabel din is-seduta saret Komunika lill Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil li pero dan naqas li jaghddi il-komunika relattiva lill-avukati sottofirmati.*

*Illi l-avukati sottofirmati saru jafu biss b'dan kollhu fl-10 ta'Novembru 2014 u cioe id-data ta' l-ahhar seduta ta' din il-kawza u fil-fatt l-avukat Dr. David Camilleri nforma lil-Qorti li kien bi hsiebu jipprisenda dan ir-rikors odjern.*

*Illi kopja tal-atti li sar referenza ghalihom fl-ewwel parti ta' dan ir-rikors qieghed jigi ezebit u mmarkata bhal Dok ZZ.*

*Illi ghalhekk l-esponenti, tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi huma jikkontendu li hemm lok li din il-Qorti terga tikkonverti ruha fis-Sede Kostituzzjonali taghha u dan sabiex jigu dectzi t-talbiet fir-rikors originali li saret referenza ghalih hawn fuq u li jifforma l-ewwel sebgha faccati tad-Dok ZZ.*

*Illi ghal kull buon fini qeghdin jergghu jigu rapportati is-sottomissjonijiet maghmula f'dak ir-rikors fl-intier taghhom:*

> *Illi s-socjeta' attrici, f'dawn il-proceduri, qed jitolbu i) Dikiarazzjoni illi bl-eghmil taghhom l-intimati ma onorawx it-termini u l-kundizzionijiet tal-polza assikurattiva bin-numru 76560502FBE763 mahruga mis-socjeta' rikorrenti fir-rigward tal-vettura bin-numru tar-registrazzioni FBE 763 proprjeta' ta' 'l-intimata Jeanette Marie van Reeven; ii)Likwidazzjoni tad-danni sofferti mis-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' ghoxrin elf, sitt mija u hamsin Euro (€20,650.00), jew kwualunkwe somma ohra verjuri okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi; u iii) Kundanna kontra l-intimati, in solidum u bejniethom tas-somma likwidata.*
>
> *Illi din it-talba hija bbazata fuq zewg decizjonijiet tac-Centru Malti ta' l-Arbitragg moghtija ossia wahda fl-ismijiet Emmanuel Schembri vs Jeanette*

> *Marie Van Reeven et (Arb: M2000/2009) deciza "fit-8 ta' April 2010 u ohra fl-ismijiet Maria Katerina Schembri vs Jeanette Marie Van Reeven et (Arb: M1998/2009) deciza fil-11 ta' Mejju 2010.*

*Illi bhala t-tieni eccezzjoni taghhom l-intimati eccepew is-segwenti:*

> *"Illi minghajr pregudizzju u preliminarjament ukoll il-proceduri arbitrali imsemmija kien gew kontestati fuq indoli kostituzzjonali. Fil-frattemp inghatat decizjoni (H. Vassallo & Sons Ltd vs Avukat Generali, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Settembru 2011) fejn gie dikjarat illi tali proceduri ta' arbitragg mandatarju effettivament ma jirrispettawx id-drittijiet fundamentali ta' smiegh xieraq. F'dawn ic-cirkostanzi id-decizjonijiet a bazi ta' liema s-socjeta attrici qed tipprocedi f'din il-kawza qed jigu kontestati."*

*Illi permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Novembru, 2013 din l- eccezzjoni giet michuda u din il-Qorti tenniet is-segwenti:*

> *"Ghar-ragunijiet "fuq imsemmija, ghalkemm hemm sentenzi li jiddikjaraw li jhossu li l-procedura ta' l-arbitragg mandatarju tmur kontra l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, u hemm ohrajn inkluz l-aktar recenti li jghidu li din ma tmurx, u nkluz il-fatt li hemm il-kawza fl-ismrjiet H. Vassallo & Sons Limited vs Avukat Generali et pendenti quddiem il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, u peress li l-intimati qatt ma kienu ntavolaw proceduri f'dan ir-rigward, il-Qorti thoss li ghandha tichad it-tieni eccezzjoni ta' l-intimati."*

*Illi l-esponenti jissottomettu li huma ghandhom lanjanzi kostituzzjonali xi jressqu, liema lanjanzi huma materjalment u direttament effetwati mill-proceduri odjerni.*

*Illi fl-ewwel lok l-esponenti jissottometu li l-proceduri inizzjali li wasslu ghal-pendenza odjerna jirrizultaw minn arbitagg mandatarju, liema proceduri huma lesivi tad-drittijiet fundamentali tal-esponent, stante li dawn il-proceduri ma jissodisfawx il-kriterji tal-indipendenza u imparjazilta rikjesti mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*Illi dan il-punt gie u qieghed jigi ezaminat f'diversi pendenzi fosthom permezz ta' sentenza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet Joseph Muscat vs Prim Ministru et deciza fid-29 ta' Mejju, 2009 (Rikors Numru. 41/2008); H. Vassallo & Sons Limited (C 3847) vs Avukat Generali et (rik. Nru. 31 /08) deciza fit-30 ta' Settembru 2011 mill-Qorti Kostituzzjonali (pendenti quddiem il-Qorti Ewropea); Untours Insurance Agency Ltd et vs Victor Micallef (Rik. Nru. 81/11) deciza favorevolment mill-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) fil-25 ta Mejju 2012, imdawwra mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Jannar 2013 u presenzjalment pendenti quddiem il-Qorti Ewropeja.*

*Illi in oltre l-esponenti jissottomettu umilment li tezisti lanjanza oltra ta' natura kostituzzjonali fil-kawza odjerna. F'dan ir-rigward l-esponent jissottomettu illi jekk din il-Qorti tghaddi sabiex tiddeciedi l-kawza odjerna, li hia naxxenti minn proceduri li gew ddikjarati lezivi tal-Kostituzzjoni, allura tkun qieghda tapplika ligi li llum ghandha tiqies nulla u bla effett.*

*Illi f'dan is-sens l-esponenti jaghmlat referenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***"Paola Vassallo vs Marija Dalli"*** *moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili per Onor. Imhallef Ray C. Pace nhar it-30 ta' Ottubru 2008 fejn, b'mod l-aktar awtorevoli gie enuncjat is-segwenti dictum:*

> *"Illi din il-Qorti thoss li la darba tali disposizzjonijiet tal-ligi citati mill-konvenuta gew ddikjarati nulli u bla effett u dan ghaliex jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u tali sentenza ghaddiet in gudikat, in vista tal-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni din il-Qorti ma tistax tapplika l-istess u dan peress li tipprevali l-istess Kostituzzjoni, u fejn l-istess ligi hija inkonsistenti ma' dan, dik il-ligi skond l-istess artikolu ghandha tigi kkonsidrata bhala nulla u bla effett u dan independentement mil-fatt jekk l-organu legislattiv jiehux il-passi sabiex jnehhi l-istess ligi jew jevita tali ksur.*
>
> *Dan qed jinghad anke fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 242 tal-Kap. 12 fuq citat li gie applikat ukoll mill- Onorabbli Qorti Kostituzzjonali meta l-kawza citata marret dezerta fis-16 ta' Ottubru 2006, u allura d-decizjoni ghaddiet in gudikat. Fil-verita' dan kollu juru li l- Kostituzzjoni u l-artikoli dwar il protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem huma l-ghola ligi fil-pajjiz u artikoli citati huma konferma tal-istess. Din il-Qorti bir-rispett thoss li hija doveruz ghaliha li*

> *tapplika l-istess disposizzjoni tal-Kostituzzjoni u dan kemm sabiex tigi segwieta l-istess Kostituzzjoni u wkoll ghaliex thoss ma jistax ikun hemm sitwazzjoni "fejn ligi tigi ddikjarata nulla ghaliex tmur kontra d-drittijiet tal-bniedem u allura ma tkunx applikabbli bejn xi persuna, u minn naha l-ohra jkun hemm decizjoni fejn tapplika l-istess ligi ghall persuni ohra - u dan iktar u iktar "fejn il-ligi ghandha tkun l-istess u applikabbli ghall kullhadd u dan in omagg ukoll ghall-Rule of Law'. Dan iktar u iktar meta ligi tigi ddikjarata mill-Qorti fil-kompetenza taghha kostituzzjonali bhala nulla u bla effett u allura l-istess ligi ma tistax, minhabba d-disposizzjonijiet stess tal-istess Kostituzzjonali, ma tibqax izjed applikabbli u dan erga omnes. L-argument l-iehor johloq ligi ghall xi persuni u ligi ohra ghall-persuni ohra - haga li mill-punto di vista legali u iktar f'ambitu ta' protezzjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem lanqas ghanda tigi kkunsidrata ghaliex tohloq incertezza u ingustizzja manifesta. Kien "fuq dan il-binarju li nghatat is-sentenza wkoll fuq dan il-punt fl-ismijiet "Maria Azzopardi vs Saver Sciortino" (P.A. (RCP) - 31 ta'Jannar 2007)".*

*Illi issa ladarba l-posizzjoni hija tali hemm lok li din il-pendenza tigi ezaminata mill-lenti ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali sabiex, jekk ikun il-kaz, jigu annullati l-proceduri kollha li saru quddiem ic-Centru Malti ghall-Arbitragg.*

*Illi in oltre, l-esponenti jissottomettu li jezisti terza ilment ta' indoli kostituzjonali naxxenti minn dawn il-proceduri. L-esponent jissottomettu li bil-fatt li l-Qorti Kostituzzjonali nostrana, liema Qorti hija dik suprema u vestita bil-poter li tistharreg l-ligijiet nostrana minn ottika kostituzzjonali, bidlet il-fehma taghha wara li kienet originarjament tat interprettazjoni certa f'dan ir-rigward illeda d-dritt fondamentali tal-esponent billi nhalaq incertezza legali ai termini tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*Illi l-esponenti jissottomettu lir-ragunament oppost hekk kif jirrizulta mis-sentenzi hawn fuq referuti, jmorru kontra l-principju tac-certezza legali, principju li huwa verament il-qofol tal-Konvenzjoni Ewropeja. ghar-rigward ta' din il-lanjanza. Huwa dmir fuq il-Qorti Kostituzzjonali li tirrizolvi tali kunflitt, u mhux tkun hi stess is-sors ta' tali incertezza.*

*Illi f'dan is-sens l-esponenti jaghmlu ampja referenza ghas-sentenza tal- Qorti Ewropeja fl-ismijiet Beian vs Romania (App Nru: 30658/05) moghtija nhar is-6 ta' Dicembru 2007 fejn gie enuncjat is-segwenti:*

> *37. Admittedly, divergences in case-law are an inherent consequence of any judicial system which is based on a network of trial and appeal courts with authority over the area of their territorial jurisdiction. However, the role of a supreme court, is precisely to resolve such conflicts (see Zielinski and Pradal and Gonzalez and Others v. France [GC], nos, 24846/94 and 34165/96 to 34173/96, § 59, ECHR 1999-VII).*
>
> *38. In the instant case it is clear that the HCCJ was the source of the profound and lasting divergences complained of by the applicant.*
>
> *39. The practice which developed within the country's highest judicial authority is in itself contrary to the principle of legal certainty, a principle which ,is implicit in all the Articles of the Convention and constitutes one of the basic elements of the rule of law (see, mutatis mutandis, Baranowski v. Poland, no. 28358/95,§ 56, ECHR 2000-III). Instead of fulfilling its task of establishing the interpretation to be followed, the HCCJ itself became a source of legal uncertainty, thereby undermining public confidence in the judicial system (see, mutatis mutandis, Sovtransavto Holding v. (Ukraine, no. 48553/99, § 97, ECHR 2002-VII, and Paduraru, cited above, § 98; see also, by contrast, Perez Arias v. Spain, no. 32978/03,§ 27, 28 June 2007).*

*Illi in oltre fis-sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet* ***Nelyubin vs Russja (App Nru: 14502/04)*** *moghtija nhar it-2 ta' Novembru 2011, gie deciz hekk:*

*"22. The Court reiterates that the right to fair, hearing before a tribunal as guaranteed by Article 6 § 1 of the Convention must be interpreted in the light of the Preamble to the Convention, which declares, in its relevant part, the rule of law to be part of the common heritage of the Contracting States. One of the fundamental aspects of the rule of law ,is the principle of legal certainty, which requires, among other things, that where the courts have finally determined an issue, their ruling should not be called into question (see Brumdrescu*

*v. Romania, judgment of 28 October 1999, Reports of Judgments and Decisions 1999-VII, § 61).*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha tordna illi, a tenur ta' l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tikkonverti ruha fis-sede kostituzzjonali taghha u:*

*i) Tiddikjara illi l-proceduri ta' arbitragg mandatarju fl-ismiiiet premessi mmexxija taht l-Avviz Legali 279 ta' l-2005 u l-artiklu 15(11) tal-Kap 387 (Att dwar l-Arbitragg) tal-Ligiiiet ta' Malta imur kontra l-prowedimenti ta' l-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artiklu 6(1) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.*

*ii) Tiddikjara illi jekk din il-Qorti taghti effett ghall-ligi li giet iddikjarata leziva tal-Kostituzzjoni nostrana dan il-fatt wahdu ikun leziv tad-dritt fundamentali tas-smiegh xieraq hekk kif sancit l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artiklu 6(1) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*iii) Tiddikjara illi l-fatt li l-Qorti Kostituzzjonali nostrana biddlet ir-ragunament kompletament taghha wara li kienet tat interpretazzjoni li l-arbitragg mandatarju imur kontra d-dettami tas-smiegh xieraq stante nuqqas ta' indipendenza u imparzjalita, izda sussegwentement l-istess Qorti kienet totalment biddlet dan l-insjenjament, jilledi d-dritt fundamentali tal-esponenti ghal-principju tac-certezza legali hekk kif sancit fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*iv) Jinghataw dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tal-esponent.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti* ***terga*** *tikkonverti ruha fis-Sede kostituzzjonali taghha a tenur tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u*

*i) Tiddikjara illi l-proceduri ta' arbitragg mandatarju fl-ismijiet premessi mmexxija taht l-Avviz Legali 279 ta' l-2005 u l-artiklu 15(11) tal-Kap 387 (Att dwar l-*

*Arbitragg) tal-Ligijiet ta' Malta imur kontra 1-provvediment ta' l-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artiklu 6(1) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta'Malta u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.*

*ii) Tiddikjara illi jekk din il-Qorti taghti effett ghall-ligi li giet iddikjarata leziva tal-Kostituzzjoni nostrana dan il-fatt wahdu ikun leziv tad-dritt fundamentali tas-smiegh xieraq hekk kif sancit l-artiklu 39 tal- Kostituzzjoni ta' Malta u l-artiklu 6(1) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*iii)Tiddikjara illi l-fatt li l-Qorti Kostituzzjonali nostrana biddlet ir-ragunament kompletament taghha wara li kienet tat interpretazzjoni li l-arbitragg mandatarju jmur kontra d-dettami tas-smiegh xieraq stante nuqqas ta' indipendenza u imparzjalita, izda sussegwentement l-istess Qorti kienet totalment biddlet dan l-insjenament, jilledi d-dritt fundamentali tal-esponenti ghal-principju tac-certezza legali hekk kif sancit fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*iv) Jinghataw dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tal-esponent.*

*U dan taht il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni."*

Rat id-digriet taghha tas-17 ta'Novembru 2014 fejn ordnat notifika tal-istess lill-kontro parti u lill-Avukat Generali bi dritt ta' risposta fi zmin ghaxart ijiem waqt li appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-4 ta'Dicembru 2014 fil-12.15pm (a fol. 41 et seq.);

Rat illi l-atti gew debitament notifikati skond il-ligi lill-kontro parti u lill-Avukat Generali;

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tat-3 ta'Dicembru 2014 (a fol. 45 et seq) li taqra hekk:

1. *"Illi fil-5 ta' Dicembru 2013 din l-Onorobbli Qorti diversament preseduta appuntat ir-Referenza Kostituzzjonali mitluba minn Alexander Jan Edward Van Reeven u Jeanette Marie Van Reeven fit-3 ta'Dicembru 2013 ghas-16 ta' Dicembru 2013 u ordnat lill-*

*esponent jirrispondi gholl-istess, liema risposta giet effettivament prezemtata fit-12 ta' Dicembru, 2013;*

2. *Illi fl-imsemmija udjenza tas-16 ta' Dicembru 2013 ir-Referenza Kostituzzjonali giet differita ghas-27 ta' Jannar 2014 ghan-notifika ta' GosanMamo Insurance Limited. L-udjenza tas-27 ta' Jannar 2014 giet imbghad differita ghat-18 ta' Marzu 2014 b'ordni tal-Qorti wara li l-kaz gie riassenjat lill-Onor. Imhallef Zammit McKeon li astjena ghar-ragunijiet indikoti fil-verbal ta' dik l-udjenza;*

3. *Illi sussegwentement, r-Referenza Kostituzzjonoli surriferita giet ri-appuntata quddiem l-Onor. lmhallef Chetcuti fit-30 ta' April 2014. Fl-imsemmija udjenza deheret biss l-avukat sottofirmat u kien ghalhekk li l-Qorti ordnat komunika lill-avukati rispettivi tal-partijiet l-ohra. Jider mill-atti li Dr David Camilleri ha konjizzjoni tal-verbal aktar tard filwaqt li l-Prokuratur Legali ta' Alexander Jan Edward Von Reeven u Jeanette Marie Van Reeven ta' ruhu notifikat bil-verbal tat-30 ta'April 2014 fis-6 ta'Mejju 2014;*

4. *Illi minkejja dan fit-28 ta' Mejju 2014 rega ma deher hadd. F'dik l-udjenza, wara li l-Qorti rat l-atti minn fejn jirrizulta li r-rapprezentanti legali ta' Alexander Jan Edward Van Reeven u Jeanette Marie Van Reeven gew debitament notifikati bil-verbal precedenti taghha tramite l-prokuratur legali taghhom, laqghat it-talba tal-esponent Avukat Generali u lliberatu mill-osserzanza tal-gudizzju;*

5. *Illi ma sar l-ebda rikors fi zmien ghaxart ijiem sabiex l-imsemmija Referenza Kostituzzjonali tigi mqieghda fuq il-lista mill-gdid kif tehtieg il-ligi u ghalhekk ma hemmx lok li din l-Onorabbli Qorti terga tikkonverti ruhha fis-Sede Kostituzzjonali sabiex terga tisma' l-istess lanjanzi Kostituzzjonali;*

6. *Illi minghajr pregudizzju u ghal kull buon fini, l-esponent itenni li huwa jirrespingi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti in kwantu nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet li qed jigu hawn elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin :*

7. *Illi fl-ewwel lok ir-rikorrenti qeghdin jitolbu lil din l-Onorobbli Qorti 'tiddikjara illi l-proceduri ta' arbitragg mandatarju fl-ismijiet premessi mmexxjja taht l-Avviz Legali*

*279 ta'l-2005 u l-artiklu 15(11) tal-Kap 387 (Att dwar l-Arbitragg) tal-Ligijiet ta' Malta imur kontra l-provvedimenti ta' l-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artiklu 6(1) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u dan taht dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni' u 'tiddikjara li jekk din il-Qorti taghti effett ghall-ligi li giet dikjarata leziva tal-Kostituzzjoni nostrana dan il-fatt wahdu jkun leliv tad-dritt fundamentali tas-smiegh xieraq hekk kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta'Malta'',*

8. *Illi bir-rispett dovut u in linea preliminari, dawn it-talbiet huma insostenibbli. il-proceduri civili li minnhom qed tintalab din ir-referenza kostituzzjonali, ghalkemm jistriehu in parte fuq l-imsemmija decizjonijiet arbitrali, jirrigwardaw talba ghad-danni ntavolota mis-socjeta GasanMamo Insurance Limited quddiem l-Onorobbli Prim' Awla tal-Qorti Civili. B'hekk dawn it-talbiet huma inammissibli fl-isfond tal-proceduri civili bin-numru 1174/2011 fl-ismijiet* **Gasanmamo Insurance Limited (C3143) vs Alexander Jan Edward Van Reeven u Jeanelle Marie Van Reeven** *in kwantu jezorbitaw il-mertu tal-kawza li fiha qed tintalab ir-referenza;*

9. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, dawn it-talbiet huma ukoll vessatorji in kwantu minkejja li l-imsemmija decizjonijiet tal-arbitri ilhom li nghataw mill-2010 ma jirrizultax li saru xi proceduri kostituzzjonali li permezz taghhom gew impunjati l-imsemmija decizjonijiet arbitrali. Di piu, lanqas ma jirrizulta li l-imsemmija decizjonijiet tal-arbitri gew appellati;*

10. *Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti fis-sens illi l-proceduri tal-arbitragg mandatarju huma lezivi tad-drittijiet fundamentali taghhom in kwantu ma jissodisfawx il-kriterji tal-indipendenza u impazjalita, huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

11. *Illi f'kazijiet meta l-arbitru ma jkunx maqbul mill-partijiet, il-fatt li jigi maghzul mic-Chairman tac-Centru ma jfissirx li l-istess arbitru ser ikollu ndhil dwar il-proceduri ta' l-arbitragg u/jew dwar kif ser jiddeciedi l-kwistjoni quddiemu u li allura mhux indipendenti mill-Ezekuttiv. Huwa rilevanti wkoll li l-partijiet f'arbitragg mandatarju jistghu jaghzlu l-arbitru u l-arbitru jigi nominat mic-Chairman biss fil-kazijiet fejn il-partijiet ma jaqblux dwar l-arbitru;*

12. *Illi n-nomina ta' arbitru mhix wahda suggettiva u oltre dan l-arbitru ghandu security of tenure. Inoltre, ir-Regolomenti dwor l-Arbitragg jipprovdu ghal salvagwardji ohra sabiex arbitru jaqdi d-dmirijiet tieghu skond il-ligi;*

13. *Illi jezistu ghalhekk il-garanziji ta' smiegh xieraq li jirrizultaw mir-regoli processwali;*

14. *Illi inoltre f'kaz t'arbitragg mandatorju c-cittadin mhux qed ikun imcahhad mid-dritt tieghu t'access ghal Qorti stante li ghandu dritt t'appell lill-Qorti tal- Appell, liema rimedju gie skortat mir-rikorrenti;*

15. *Illi dwar il-gurisprudenza citata fir-rikors in risposta, l-esponent jirrileva li s-sentenza* ***ta'Joseph Muscat vs Prim Ministru; Ministru tal-Gustizzja; u l-Avukat Generali*** *moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti (Sede Kostituzzjonoli) kienet giet revokata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-5 ta'Settembru 2010 fejn gie dikjarat li l-proceduri ta'arbitragg mandatarju mmexxija taht l-Avviz Legali 279 tal-2005 u l-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta mhumiex lezivi ta' drittijiet fundamentali. Ulterjorment jigi rilevat li t-tentattiv tal-istess Muscat li jressaq l-ilment tieghu quddiem il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem falla stante li l-applikazzjoni tieghu giet meqjusa inammissibli f 'dan l-istadju;*

16. *Illi mhux kontestat li ftit taz-zmien wara, cioe fit-30 ta' Settembru 2011, nghatat is-sentenza ta'* ***H.Vassallo & Sons Ltd (C 3847) v. Avukat Generali, l- Korporozzjoni ghas-Servizzi tal-ilma u l-Korporazzjoni Enemalta ghal kull interess li jista jkollhom*** *li fiha l-Qorti Kostituzzjonali kuntrarjament ghas-sentenza ta' Joseph Muscat sabet lezjoni ta' drittijiet fundamentali. Madankollu, fil-25 ta' Jannar 2013, fil-kawza fl-ismijiet Untours Insurance Agency Ltd u din ghal Qatar Insurance Agency Company kif surrogota fid-drittijiet ta' Emanuel Gauci: u l-istess Emanuel Gauci v. Victor Micallef; u b'dikriel tal-25 ta' Gunju 2008 issejhu fil-kawza Saviour Micallef, Anthony Theuma u Kevin Bartolo l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali ddecidiet li: 'il- proceduri ta' arbitragg obbligatorju fl-ismijiet premessi mmexxija taht l-Avviz Legali 279 tal-2005 u l-artikolu 15(11) tal-Att dwar Arbitragg [Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta] ma jmorrux kontra d-dispozizzjonijet tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad- Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali';*

17. *Illi b'referenza ghar-rikors in risposta fejn qed jigi allegat li hemm proceduri pendenti quddiem il-Qorti Ewroepea dwar dawn il-kawzi, l-esponent jirrileva li huwa ma rcieva l-ebda notifikazzjoni f 'dan is-sens;*

18. *Illi jsegwi ghalhekk li l-pozizzjoni tal-esponenti hija konformi ma dik li giet konfermata mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kazijiet ta'* ***Joseph Muscat vs Prim Ministru*** *deciza fis-6 ta' Settembru 2010 u ta'* ***Untours Insurance Agency Ltd u din ghal Qatar Insurance Agency Company kif surrogata fid-drittijiet ta' Emanuel Gauci; u l-istess Emanuel Gauci v. Victor Micallef; u b'dikriet tal-25 ta' Gunju 2008 issejhu fil-kawza Saviour Micallef, Anthony Theuma u Kevin Bartolo*** *deciza fil-25 ta' Jannar 2013, fejn gie dikjarat li l-Avviz Legali 279 tal 2005 u l-Artikolu 15 (11) tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta ma jmorrux kontra d-dispozizzjonijet tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali;*

19. *Illi finalment u bla pregudizzju ghas-suespost l-esponent jirrileva li fi kwalunkwe kaz sabiex ikomplu jissahhu 's-salvagwardji u l-garanziji ghal smiegh xieraq fil-process tal-arbitragg mandatorju saru diversi emendi ghall-Att dwar l-Arbitragg permezz tal-Att numru IX tal-2010, liema emendi issa ilhom li gew fis-sehh permezz tal-Avviz Legali 10 tol-2011, l-Avviz Legali 448 tal-2011 u l-Avviz Legali 451 tal-2011;*

20. *Illi inoltre', l-esponent jichad kotegorikament kull allegazzjoni da parti tar-rikorrenti fis-sens illi l-fatt li l-Qorti Kostituzzjonali 'bidlet il-fehma taghha' kiser id-dritt ta' smiegh xieraq tar-rikorrenti ghal principju tac-certezza legali hekk kif sancit fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta';*

21. *Illi ghaldaqstant u dejjem minghajr pregudizzlu, l-esponent huwa tal-umli fehma li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma f 'kull kaz insostenibbli u dato ma non concesso din l-Onorobbli Qorti tilqa' t-talba in risposta sabiex terga tikkonverti ruhha f 'Sede Kostituzzjonali, l-imsemmija talbiet ghandhom lkoll jigu michuda bl-ispejjez kontro Alexander Jan Edward Van Reeven u Jeonette Marie Van Reeven;*

22. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorobbli Qorti joghgobha tichad t-talba tar-rikorrenti sabiex terga tikkonverti ruhha f' Sede Kostituzzjonali, bl-ispejjez kontra taghhom."*

Rat ir-risposta tas-socjeta' GasanMamo Insurance Limited (C3143) tal-4 ta'Dicembru 2014 (a fol. 49 et seq. ) li taqra hekk:

1. *"Illi l-esponenti qieghda topponi ghar-rikors ta' l-intimati ta' l-14 ta' Novembru, 2014 u dan ghar-ragunijiet illi gejjin:*

*(a) Ir-rikorrenti diga inghataw l-opportunita sabiex iressqu l-istess talba fi stadju precedenti tal-kawza. Wara illi t-talba in kwistjoni giet appuntata ghas-smiegh quddiem l-lmhallef Dr Mark Chetcuti, u wara li (ex admissis) l-avviz tas-smiegh kien gie debitament innotifikat lill-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil illi laqa' l-istess notifika, l-intimati u r-rapprezentanti legali taghhom naqqsu milli jidhru ghas-seduta, u fuq talba ta' l-Avukat Generali, ir-rikors gie michud.*

*L-intimati donnhom iridu jaghtu x'jifhmu illi is-smiegh quddiem l-Imhallef Chetcuti, u l-kancellazzjoni tas-smiegh qisha waqghet mis-sema bhallikieku kienet xi sorpriza kbira li ma kienux qed jistennewha. Dan huwa qarrieqi u m'ghandux mis-sewwa.*

*Kif jafu ben tajjeb l-intimati, huma kienu diga innotifikaw (f'indirizz zbaljat) lis-socjeta esponenti, li kienet da parti taghha innotifikathom b'rikors fejn dan l-izball fin-notifika kien gie sollevat. L-avukat ta' l-esponenti kien kellem direttament lill-PL Busuttil (ghall-intimati) dwar hekk u kien ipprovdieh bl-indirizz korrett. Il-PL Busuttil, da parti tieghu, kien ben aggornat b'dak illi kien qed isehh f'dak illi ghandu x'jaqsam ma' l-appuntamenti ghas-smiegh, u kien stqarr illi kien qed jiehu hsieb isegwi d-data eventwali illi kellha tigi ffissata. L-avukat sottoskritt huwa lest illi jixhed b'gurament dwar dan kollu.*

*L-intimati ma humiex kredibbli meta jippruvaw jissottmettu lil din il-Qorti illi huwa biss fl-14 ta' Novembru illi skoprew b'din is-sorpriza enormi, u dan anke minhabba l-fatt illi lanqas fl-udjenzi tar-rikors principali ma kienu qed jidhru, avolja ma kellhomx htiega illi jigu notifikati b'xi avviz ta xi smiegh. L-esponenti tirreferi b'mod partikolari*

*ghall-verbal ta' l-1 ta' April,2014 fejn l-avukat sottoskritt kien ghamel riferenza diretta ghall-proceduri kostituzzjonali illi kienu ghadhom pendenti dak iz-zmien, u fejn hemm imnizzel ukoll illi "Deher aktar tard Dr David Camilleri u ha konjizzjoni ta' dan il-verbal".*

*L-intimati kwindi qed ikunu dizingenwi ghall-ahhar meta jippruvaw jikkonvincu lil dina l-OnorabbliQorti illi ma kienux jafu x'qed isir mill-proceduri kostituzzjonali qabel l-14 ta' Novembru, 2014; u l-esponenti jissottomettu illi dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex tittollera atteggjament bhal dan, illi sfaccatament izeblah l-intelligenza tal-Qorti stess, apparti dik ta' l-esponenti.*

*Il-proceduri kostituzzjonali gew ezawriti meta dina l-Onorabbli Qorti, per l-Onor. Mark Chetcuti, ikkancellat ir-rikors b'mod definittiv u l-intimati ma intavolawx rikors fiz-zmien prefiss mill-ligi sabiex ir-rikors taghhom jerga' jigi kkunsidrat. Fic-cirkostanzi ghalhekk ir-rikors odjern ma jistax jerga' jigi ri-propost stante illi gie ezawrit u deciz b'mod definittiv.*

*(b) Fil-mertu, u inoltre dak illi diga gie sottomess, l-esponenti jissottmettu illi l-procedura adoperata mill-intimati hija zbaljata, u kwindi r-rikors ta'l-esponenti huwa null u bla effett, u dan il-ghaliex ma jezistux ic-cirkostanzi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tikkonverti ruha f'vesti kostituzzjonali, u dan il-ghaliex:*

*(i) L-esponenti ma hijiex ir-Repubblika ta' Malta. Is-socjeta GasanMamo Insurance Limited la kitbet, la wettqet u lanqas ma ppublikat xi ligi 1i tirrigwardja l-arbitraggi. Lanqas ma kienet parti fl-arbitraggi li l-intimati qieghdin jallegaw illi kissru d-drittijiet fundamentali taghhom. Kwindi ma hemm l-ebda relazzjoni guridika u l-ebda bazi il-ghalfejn il-Qorti tista' tippronuncja decizjoni fir-rigward ta' parti jew ohra f'din il-kawza, f'dak illi ghandu x'jaqsam il-kostituzzjonalita o meno tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta. Jekk l-intimati ihossu illi d-drittijiet fundamentali taghhom gew lezi, mela allura kellhom jipprocedu permezz ta' kawza ad hoc kontra r-Repubblika ta' Malta, kif rapprezentata permezz ta' l-Avukat Generali.*

*Jirrizulta pacifikament, pero, illi* ***l-Avukat Generali ma huwiex parti f'dawn il-proceduri****, u lanqas qatt ma saret talba minn xi parti jew ohra sabiex jigi kkjamat in*

*kawza sabiex jirrispondi ghal xi talba jew ohra ta' xi wahda mill-partijiet. Isegwi ghalhekk illi kull pronuncjament jew digriet jew decizjoni ta' dina l-Qorti ghad tista' taghti fir-rigward ta' persuna illi ma hijiex parti f'din il- kawza hija wahda ultra petita b'mod lampanti - u tiftah il-bieb berah sabiex id-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti stess jigu lezi b'mod serju.*

*(ii)L-intimati regghu qieghdin ikunu dizingenwi u qarrieqa ghall-ahhar meta jippruvaw jargumentaw illi r-rikors principali huwa bbazat esklussivament fuq l-arbitraggi illi jallegaw illi huma lezivi fil-konfront tad-drittijiet fundamentali taghhom. Dan ma huwiex minnu. Avolja l-arbitraggi ikkrejaw stat ta'fatt u li fir-rigward taghhom l-esponenti kienet kostretta thallas id-danni ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta; din il-kawza hija fil-fatt ibbazata fuq il-fatt illi l-intimat Alexander Van Reeven GIDEB b'mod sfaccat kemm lill-Pulizija kif ukoll lill-esponenti meta ghamel rapport falz ta' serq tal-vettura illi fil-fatt kien qed isuq hu. **Il-kawza hija ghalhekk ibbazata fuq il-ksur ta' kuntratt ta' l-assikurazzjoni da parti ta' l-intimati minhabba qerq u mala fede da parti taghhom**. Kull tentattiv da parti ta'l-intimati sabiex jahbu jew inessu dan il- fatt qieghed jerga' jzeblah l-intelligenza ta'dina l-Onorabbli Qorti, u hawnhekk ukoll l-esponenti tissottometti illi l-intimati m'ghandhomx isibu l- konfort tal-Qorti f'eghmilhom. Bl-arbitraggi jew minghajrhom; bil-konstituzzjonalita taghhom jew le; xejn ma jbiddel mill-fatt illi l-intimati kissru t-termini tal-polza ta' l-assikurazzjoni mahruga mill-esponenti minhabba l-gideb u l-qerq da parti taghhom.*

*Dan qed jinghad il-ghaliex l-esponenti jsostnu illi r-rikors ta' l-intimati ta' l-14 ta' Novembru, 2014 ma huwa xejn hlief tentattiv fjakk iehor sabiex l-intimati jaharbu mir-responsabilitajiet taghhom u jtawwlu dawn il-proceduri lil hinn miz-zmien ridikolu u ezagerat illi diga gie estiz lilhom sal-lum.*

*Filwaqt illi jirrizervaw illi jittrattaw ulterjorment u skond kif permess minn dina l-Onorabbli Qorti, l-esponenti jissottomettu illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad ir-rikors ta' l-intimati fl-intier tieghu, u tordna l-prosegwiment tal-kawza fil-mertu; u dana taht dawk il-provvedimenti illi jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi."*

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

L-intimati Reeven qeghdin jergghu intavolaw talba sabiex din il-Qorti tikkonverti ruhha f'Sede Kostituzzjonali. L-intimati jsostnu illi din it-talba kienet saret quddiem Qorti diversament preseduta u cioe' l-Imhallef Farrugia Sacco li apponta l-kawza ghas-16 ta' Dicembru 2014, u giet trasferita lill-Imhallef Joseph Zammit McKeon li astiena minnha fit-18 ta' Marzu 2014. Illi ghalhekk il-kawza giet assenjata lill-Imhallef Mark Chetcuti li apponta il-kawza ghas-smiegh ghat-30 t'April 2014. L-intimati sostnew illi peress li kien innotifikat biss l-Avukat Generali, l-kawza giet differita ghat-28 ta' Mejju 2014, f'din is-seduta dehret biss Dr. Sarah Portelli ghall-Avukat Generali u fin-nuqqas ta' dehra tal-partijiet u tal-Avukat difensur talbet il-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju, liema talba ntlaqghet mill-Qorti. Illi l-Avukati difensuri tal-intimati saru jafu b'dan fl-10 ta' Novembru 2014.

L-Avukat Generali, kif ukoll is-socjeta' GasanMamo Insurance Limited oggezzjonaw ghal fatti kif rapportati mill-intimati fir-risposti taghhom.

**Ikkonsidrat:**

Wara li din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti procedurali tal-kawza annessa (1174/2011/1) , jirrizulta b'mod car li fl-ewwel seduta quddiem l-ewwel Imhallef, il-kontendenti kienu notifikati skond il-ligi. Illi mbaghad fis-seduta tat-30 t'April 2014 quddiem l-Imhallef Chetcuti ghalkemm dehret biss Dr. Sarah Portelli, jirrizulta mill-atti li f'dik l-udjenza **ma kienx deher Dr. David Camilleri** biex jiehu konjizzjoni tal-verbal, **izda kien deher biss Dr. Zammit Maempel aktar tard** (Vide fol.39 ta' Dok. ZZ u fol. 26 tal-atti annessi), u dan kuntrarjament ghal dak sottomess f'paragru tlieta tar-risposta tal-Avukat Generali. Jirrizulta **pero** illi kienet saret komunika ta' dan il-verbal lil Dr. David Camilleri tramite Jean Pierre Busuttil, l-Prokuratur Legali tal-Avukati difensuri tal-intimati – Vide firma tal-visto fuq fil-26 tal-atti annessi 1174/2011/1, li ggib id-data tas-6 ta' Mejju 2014. Din il-firma pero **ma hijiex riflessa** fuq il-fotokopja ta' Dok. ZZ a fol. 39 ta' dan il-process. Illi cio nonostante fit-28 ta' Mejju 2014 **regghu naqqsu li jidhru l-intimati u l-Avukati difensuri taghhom.**

Di piu' ma gie ntavolat ebda rikors fi zmien ghaxart ijiem sabiex l-imsemmija referenza kostituzzjonali titqieghed fuq il-lista mill-gdid skond il-ligi.

L-Avukati difensuri ppremettew illi kien biss fl-10 ta' Novembru 2014 illi saru jafu bid-decizjoni mittiehda mill-Qorti diversament preseduta fit-28 ta' Mejju 2014.

Il-Qorti taghraf illi l-Avukati difensuri tal-intimati dehru (abeit aktar tard) quddiem din il-Qorti fil-kawza li qed timxi kontestwalment u cioe' Rik. Numru 1174/2011 fejn a fol.232 kienu hadu konjizzjoni tal-verbal ta' din il-Qorti kif preseduta illi fih kien gie diskuss li l-proceduri kostituzzjonali kienu ghadhom fi stadju bikri.

Illi din il-Qorti taghraf ukoll illi l-Imhallef fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2014, kif jidher mil-verbal a fol. 40, kien ta r-ragunijiet ghad-decizjoni tieghu, u cioe' li l-Avukati difensuri u Reeven kienu naqqsu milli jidhru ghaz-zewg dehriet konsekuttivi u minhabba l-fatt illi wara li dik il-Qorti rat l-atti kollha, dehrilha li kien hemm nuqqas t'interess tal-istess Reeven 'l ghaliex kienet ghadha ma gietx notifikata s-socjeta' GasanMamo.

Din il-Qorti taghraf illi l-Avukat difensur tal-intimati deher biss fl-ewwel seduta tas-16 ta' Dicembru 2013, u **ma dehrx** fis-seduti segwenti:

27 ta' Jannar 2014;
18 ta' Marzu 2014;
30 t'April 2014; u
28 ta' Mejju 2014.

Illi dan in-nuqqas t'interess jidher illi baqa' jimanifesta ruhu ghaliex l-atti ta' dik il-kawza ma gewx segwiti apparentament sal-10 ta' Novembru 2014, u dan minkejja li il-kawza kienet tirrigwarda lanjanzi ta' natura kostituzzjonali, li minnha innifisha hija ta' natura urgenti, fejn id-differimenti, li ssoltu jinghataw, ikunu qosra.

Ghaldaqstant gialadarba l-proceduri li kellhom jigu segwiti sabiex il-kawza 1174/2011/1 terga' titqieghed fuq il-lista tal-kawza ma gietx mwettqa, l-proceduri kostituzzjonali huma ezawriti u r-rikors odjern ma jistax jerga', permezz tal-proceduri adottati, jirriattivahom.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni numri wiehed, tnejn, erbgha u hamsa u tlieta parzjalment tal-Avukat Generali u l-eccezzjoni numru 1(a) tas-socjeta' GasanMamo Insurance Limited; tichad t-talba tal-intimati Reeven sabiex il-Qorti terga' tikkonverti ruhha f'Sede

Kostituzzjonali a tenur tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, u tastieni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra l-intimati Reeven.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------